MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 509/2010

**Intercomp Marketing Limited (C-20612)**
**Vs**
**David Caruana (K.I. 516973M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ seba’ mija hamsa u sebghin ewro w tmienja u tletin centezmu (€775.38) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma ‘*computer hardware*’ mixtri mis-socjeta’ attrici skont kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati Dok A, B u C.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u cioe' mill-25 ta' Jannar, 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-isposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fl-14 ta'Lulju, 20100 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------